Mellieħa

15 ta' Lulju 2020

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 16**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **16** li ser issir b'mod virtwali permezz ta' Skype nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2020 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tiġi rrekordjata u l-filmat tagħha jista' jitniżżel mis-elettroniku https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

16.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

16.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

16.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

16.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

16.5. Infurzar tar-regolamenti u Maniġġ ta' traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier;

16.6. Tmexxija tal-parkeġġ fl-Għadira;

16.7. Ittra ta' Direzzjoni (*Management Letter*) – Sena Finanzjarja 2019;

16.8. Mozzjoni dwar l-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2019;

16.9. Kuntratt tal-impjieg – Uffiċjal fi Skala 11;

16.10. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

16.11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## MOZZJONIJIET

**16.8. Mozzjoni mressqa mil-Viċi Sindku illi tgħid:**

"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2019, wara li saret il-verifika, ġie approvat fil-kontinwazzjoni tas-Seduta Nru. 14 tal-10 ta' Ġunju 2020, liema dokument ġie mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skont il-Proċeduri dwar Kunsilli Lokali (Verifika);

Billi r-Regolamenti dwar Gvern Lokali Lokali (Finanzi) L.S. 363.01 – Artikli 16, u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li: jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; filwaqt li jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzjarji miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-baġit tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;

Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2019 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku skont kif mitlub fl-Artiklu 18 tal-imsemmija regolamenti.". (F/1/2/Vol VIII)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Emvin Bartolo |
| **Viċi Sindku (Proponent)** | **Kunsillier (Sekondant)** |